**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 4**

2 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-1.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | (DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | (JP) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Il-Viċi Sindku GD ppresediet il-laqgħa.

## MINUTI

### 4.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

4.1.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet ittra ta' apoloġija tas-Sindku DSH li minħabba li kienet tinsab fuq delegazzjoni, ma setgħetx tattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

4.1.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera JP li minħabba raġunijiet ta' xogħol, ma setgħetx tattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 4.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

4.2.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet il-minuti tat-tielet (03) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

4.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (VB, JAE, GD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

4.2.3. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 3.1.2 fejn informa li kien ikkuntattja lir-Road Servicing Ltd. rigward ix-xogħol t'asfaltar li jsir fi Triq il-Mall u nforma li kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur fil-jiem li ġejjin.

4.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 3.2.4 u staqsa jekk hemmx risposta minn Transport Malta rigward is-sleeping policeman fi Triq il-Fosos. Is-SE qalet li kienet ikkuntattjathom u kien ser jixtrihom il-Kunsill u mbagħad jiġi rimborsat minn Transport Malta.

4.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 3.2.5 rigward il-bye-law tal-Fosos u staqsa jekk il-Kunsill kienx ikkomunika mal-Ministru tal-Kultura. Is-SE qalet li tali materja ser tiġi diskussa iktar tard fuq l-aġenda.

4.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 3.3.12 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-water fountain. Is-SE wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Viċi Sindku GD qalet li wisq probabbli kien għad m'hemmx risposta minħabba li din il-proposta trid tiġi preżentata sal-aħħar t'Ottubru.

### 4.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.3.1. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għall-avviż legali rigward il-konsum tal-alkoħol. Is-SE qalet li kienet inżammet laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill fejn kien qed jifli l-abbozz tal-avviż legali li kien ibbażat fuq il-lokalità tal-Marsa u kien informa li kien ser ikun hemm bżonn ta' emendi sabiex dan ikun adattat għal-lokalità tal-Floriana.

4.3.2. Is-SE informat lill-Kunsill li l-Avukat kien informa li s-Sur Justin Attard kien ser iħallas il-bilanċ dovut lill-Kunsill permezz ta' bank draft li kien ser jiġi maħruġ mill-Avukat tiegħu. Mal-ħruġ tal-bank draft, il-Kunsill għandu jagħmel kontro mandat.

4.3.3. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għas-sitwazzjoni tal-istreet adverts li hemm fit-toroq tal-lokalità u qalet li l-Avukat għandu jibgħat ittra uffiċjali lil dawk iż-żewġ kumpaniji li għadhom ma ħallsux għal dawn ir-reklami. Il-Kunsillier VB staqsa jekk setax isir xi ħaġa oħra jekk ma jkunx hemm risposta għall-ittra legali. Is-SE wieġbet li ma seta' jsir xejn u li dawn lanqas setgħu jitgħattew jew jitneħħew.

4.3.4. Is-SE għamlet riferenza għall-iscaffolding li ġie armat mingħajr permess quddiem il-Kurja Arċiveskovili u qalet li l-Amministrattiv tal-Kurja baqa' jsostni li m'għandhomx għalfejn iħallsu l-permess talli qed jingumbraw il-bankina. Is-SE qalet li huma kienu nformawha li kellhom parir legali mingħand l-Avukat tagħhom. L-Avukat tal-Kunsill kien ser jibgħat ittra legali rigward dan.

4.3.5. Is-SE informat ukoll li l-Avukat kien qed jagħmel xi punti rigward il-bye-law tal-Fosos. Hija qalet li minħabba li l-Fosos ma kienux delegati lill-Kunsill, wieħed kellu jikkunsidra l-ispejjeż li hemm u l-fatt li ħadd ma jaf x'hemm taħt il-Fosos. Il-Kunsillier JAE qal li jidher li l-Kunsill ma setax jieħu r-responsabbiltà totali tal-Fosos iżda ma setax ikompli jagħmel tajjeb għall-ħsarat li jsiru fuq il-Fosos mingħajr ma jkollu l-fondi neċessarji. Il-Kunsillier VB staqsa jekk l-Avukat kienx konxju mill-bye-law proposta f'dan ir-rigward xi snin ilu. Is-SE ikkonfermat li ingħatat kopja ta' Avviż Legali msemmi lill-Avukat u kienet ser tressaq il-punt imqajjem mill-Kunsillier JAE a konjizzjoni tal-Avukat.

4.3.6. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill bin-nomina ta' waħda mill-impjegati bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv u qalet li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ġie nfurmat bin-nomina.

4.3.7. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għall-materja tas-cigarette butts. Is-SE informat li l-Kunsill kien wera l-interess tiegħu mar-Reġjun Xlokk. Il-Kunsillier VB qal li kien mar laqgħa rigward dan fejn il-kunsilli kienu ġew informati li setgħu jixtru iktar bins li mbagħad jiġu rimborsati tagħhom. Huwa qal li kien talab lis-SE tibgħat purchase order lis-SE tar-Reġjun Xlokk. Is-SE qalet li hi kienet kitbet lis-SE tar-Reġjun Xlokk iżda kienet għadha mingħajr risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jibgħat tfakkira u l-Kunsillier VB esiġa li l-Kunsill jistaqsi x'inhi l-proċedura.

4.3.8. Il-Viċi Sindku GD qalet li kienet intbagħtet applikazzjoni sabiex tiġi restawrata l-istatwa ta' San Publju fi Triq il-Miratur c/w Triq San Publju a bażi tal-Iskema SPI/SCI/12/2019.

## 4.4 Rapporti

4.4.1. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li l-President tar-Reġjun Xlokk kien offra seba' patallotti bil-kulur għaż-żebgħa sabiex jintużaw għall-attivitajiet ta' LGBTIQ. Il-Kunsill ma ħassx li għandu bżonn din iż-żebgħa ladarba kien diġà kellu zebra crossing miżbugħa qawsalla kulurita li hi responsabbiltà ta' Transport Malta.

4.4.2. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill li kien ser jinżamm kors ta' taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-immigranti. Hija nformat ukoll li kien hemm diskussjonijiet fuq proġetti distinti li kien

ser ikun qed jimxi fuqhom id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Hija qalet li l-Kunsill kellu jirċievi l-presentation u l-informazzjoni kollha permezz ta' email.

## 4.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-Press Release 490/19 maħruġa mill-Pulizija rigward inċident fatali fil-Masġar tal-Ġublew. Huwa qal li hu kien bagħat kjarifika lill-Korp tal-Pulizija rigward l-isem kwotat, jinforma li huma masġar u mhux ġnien u li tali masġar jinsab fil-lokalità tal-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Korp tal-Pulizija huwa wkoll bħala entità uffiċjali.

4.5.2. Il-Kunsillier JAE ressaq ilmenti minn residenti li qalu li l-iskart riċiklabbli kien qiegħed jitħallat ma' dak tal-borża s-sewda meta jinġabar. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur u jitlob spjegazzjoni. Il-Kunsillier JAE qal li t-toroq konċernati kienu Triq il-Kapuċċini, Triq San Franġisk u Triq San Tumas. Il-Viċi Sindku GD ipproponiet li din l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll fuq il-website tal-Kunsill sabiex ir-residenti jkunu mgħarrfa b'dan. Il-Kunsillier JAE qal li tali informazzjoni kienet ser tiġi mtella' fuq il-website.

4.5.3. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill b'ilment li kellu rigward skart uman li tħalla fi Triq il-Fosos. Is-SE informat li l-kennies kien ġie mgħarraf dwar dan u naddaf. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux jinforma lill-Awtorità tad-Djar b'dan. Is-SE informat li għandha tiċċekkja eżatt fejn kien qiegħed dan il-ħmieġ u jekk iż-żona kienitx ir-responsabbiltà tal-Awtorità tad-Djar jew tal-Kunsill.

4.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal riċerka riċenti dwar tniġġis li qed isir minn numru ta' bastimenti fil-port. Huwa qal li din il-materja kienet diġà ġiet diskussa f'xi laqgħa preċedenti tal-Kunsill u kien hemm qbil li din il-kwistjoni titqajjem a bażi reġjonali. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk din il-materja tistax terġa titqajjem a bażi ta' Reġjun u biex tinġibed l-attenzjoni li bħalma hemm liġijiet li jħarsu t-tniġġis tal-karozzi, għandu jkun hemm ukoll liġijiet li jħarsu t-tniġġis fil-portijiet bħalma sar f'pajjiżi oħra. Il-Kunsill qabel li tali materja għandha titla' fuq l-aġenda tar-Reġjun Xlokk. Is-SE qalet li hemm bżonn li r-residenti jieħdu r-ritratti meta jaraw xi ħaġa u dan sabiex l-ilmenti jkunu sostnuti bi provi u ħadd ma jkun jista' jinnega provi bħal dawn. Hija qalet ukoll li xi ftit ġimgħat ilu, il-Kunsill kien ġie kkuntattjat mis-Sur Mario Schembri minn Paragon Europe dwar il-Proġett LCTP dwar Low Carbon Transport Plan dwar cruise liners, li qed tirriċerka t-tniġġis iżda għalkemm il-Kunsill kien tah żewġ dati għal laqgħa, huwa ma kienx ġie għall-appuntamenti.

4.5.5. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment rigward numru ta' skart fit-toroq ta' Triq Vincenzo Dimech u Triq San Publju u ppropona li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-ecowardens biex dawn it-toroq jibdew ikunu sorveljati iktar ta' spiss. Il-Kunsill qabel. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kennies għandu skeda ta' tindif li jrid jimxi magħha matul il-ġimgħa u nnotat li mad-dħul tal-Ħarifa jiżdied it-twaqqigħ tal-weraq li fuq kollox mhux ħmieġ imma fażi tan-natura.

## 4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

4.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

4.7.1. Il-Viċi Sindku GD ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 03/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

4.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

4.7.2. Il-Viċi Sindku GD ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Ġunju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

4.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota:** **14:17 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**14:25 Il-laqgħa tkompliet. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-materja nru 4.11 qabel il-materja nru 4.8.**

## 4.11 Pjan ta' Ħidma 2019 – 2023

4.11.1 L-accountant spjegat fuq fuq il-Pjan ta' Ħidma 2019-2023 a bażi tar-Riforma fil-Gvern Lokali u kif inħadem.

## 4.8 Mozzjonijiet

4.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 4.9 Offerti

4.9.1. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informaw li kien se jsir obbligatorju li kull kunsill ikollu Contracts Manager. Is-SE qalet li jrid jerġa' jiġi abbozzat it-tender a bażi tad-Direttiva nru 9. Intant, is-SE qalet li l-Kunsill għandu jindaga wkoll xi skala jrid jiġi impjegat fiha l-Contracts Manager u jekk ikun il-każ, ser tinforma lill-Kunsill bl-istruzzjoni mogħtija.

4.9.2. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-Urban Greening u qalet li minħabba xi problemi fuq l-EPPS ta' membru tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, ser ikollha tissejjaħ laqgħa straordinarja biex jitressaq ir-rapport tal-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill. B'riżoluzzjoni unanima sar qbil li din il-laqgħa għandha tissejjaħ filgħodu.

4.9.3. Is-SE informat lill-Kunsill li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għal paper shredder. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta l-offerta ta' Scan Malta għall-prezz ta' €525.45.

4.9.4. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill li kienet intalbet stima għall-Polverista. Is-SE qalet li meta kienet saret l-aħħar kien tħalla d-debris kollu hemm u l-Kunsill kellu jħallas biex tinġieb skip. Hija qalet li l-istima li nġiebet din id-darba kienet tinkludi t-tneħħija u r-rimi tal-iskart u kienet tammonta għal €500 eskluż il-VAT. Il-Kunsill qabel.

## 4.10 Korrispondenza

### 4.10.1. PArking for Scooters

Is-SE infurmat lill-membri preżenti li Transport Malta kienet qed tħejji policy adattata apposta għalihom.

### 4.10.2. Talba għall-Keep Clear Bay

Il-Viċi Sindku GD ressqet talba minn Food Chain Ltd. għal keep clear quddiem l-imħażen f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel site visit u jipproċedi minn hemm. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' rappreżentant ta' din il-kumpanija.

### 4.10.3. Korrispondenza – Island sound

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza rigward periklu ħdejn l-Island Sound fejn talbu li jittawwlu is-sinjali sofor li hemm fil-kantuniera. Il-Kunsillier JAE qal li xi ħadd b'wheelchair jew pushchair ikollu jinżel fit-triq minħabba li ma jkunx jista' jgħaddi minn fuq il-bankina. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-fatt li ma kienx hemm zebra crossing sabiex wieħed jaqsam għan-naħa l-oħra u għalhekk, qabel li għandu jmur fuq il-post u jieħu r-ritratti sabiex jara x'jista' jsir.

### 4.10.4. Korrispondenza – Malta Seaplane Association

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Seaplane Association fejn talbu sabiex jużaw iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V bejn it-3 u l-5 t'Ottubru 2019. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi li minflok jintuża Ġnien Preziosi jew Ġnien Vilhena u dan minħabba li mistenni jibda' x-xogħol tas-civil works fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kif ukoll minħabba ġestjoni tal-gabbana. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm qbil, jingħata permess a bażi tal-kundizzjonijiet tas-soltu.

4.10.5. **INTERNATIONAL CYCLING RACE**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza rigward l-attività tal-International Cycling Race li ser issir f'Ottubru 2020 fejn talbu biex ikunu jistgħu jużaw uħud mit-toroq tal-Floriana u l-użu tal-Fosos għal tiġrijiet ta' roti esklussivi. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga aktar dwar din l-attività u jistenna talba formali.

4.10.6. **TALBA MINGĦAND MALTA PROPERTIES**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand Malta Properties fejn talbu li ssir keep clear quddiem il-grada li hemm fi Triq FX Fenech minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi u jostakolaw milli jkunu jistgħu jaċċedu għall-entratura. Il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post u jara x'jista' jsir.

4.10.7. **EU YOUTHS PROJECT FUNDING**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza rigward EU Youths Project Funding. Is-SE informat li kienet bagħtet l-informazzjoni lill-Kunsilliera JP sabiex tkun tista' tattendi. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħatilha tfakkira sabiex tikkonferma l-attendenza tagħha.

4.10.8. **TALBA GĦAL UN/LOADING BAY QUDDIEM BOUTIQUE HOTEL FI TRIQ IL-KAPUĊĊINI**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand sid ta' boutique hotel fil-Floriana li ressaq applikazzjoni sabiex ikollu un/loading bay quddiem dan il-boutique hotel fi Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ħass li apparti li kien ser jinħoloq preċedent fuq applikazzjonijiet oħra, ma jħossx li hemm bżonn dan l-ispazju speċjalment in viżta tal-problema ta' parkeġġ diġà eżistenti. Minkejja dan, skont il-linji gwida ta' Transport Malta, l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi rifjutata. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jikkorrispondi ma' Transport Malta qabel ma jieħu deċiżjoni in viżta li fil-qrib hemm boutique hotel oħra biex forsi tkun tista' ssir un/loading bay waħda komuni għat-tnejn.

4.10.9. **ORGAN DONATION**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza fejn informaw li ser tinżamm laqgħa għal min hu interessat jirreġistra sabiex jagħti l-organi. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi il-Kunsillier VB.

**Nota: 16:00 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**16:07 Il-laqgħa tkompliet.**

## 4.11 PJAN TA' ĦIDMA 2019 – 2023

4.11.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement wara materja nru 4.7.

## 4.12 Laqgħa Pubblika

4.12.1. Il-Viċi Sindku GD informat lill-Kunsill li l-laqgħa pubblika ser issir nhar l-24 ta' Settembru 2019 fis-7pm. Il-Kunsillier VB informa li sfortunatament, hu ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

## 4.13 Proġett tal-Ġnien Re George V

4.13.1. Is-SE spjegat li t-tender tal-electrical works kien wasal biex jerġa' jiġi ppubblikat.

4.13.2. Is-SE informat li l-Kunsill kien bagħat talba għall-approvazzjoni tal-Onor. Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ta' Direct Order relatata max-xogħol ta' civil works peress li wara li ġie ppublikat it-tieni darba, l-offerent m'osservax l-obbligi indikati fid-dokument u kellu jiġi kanċellat.

## 4.14 Data Protection

4.14.1. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għar-regoli l-ġodda tad-data protection u qalet li għalhekk kien hemm il-ħtieġa li l-Kunsill idur id-dokumenti li għandu u jiddisponi minnhom skont il-policy mibgħuta mid-Data Protection Officer tal-Kunsill.

## 4.15 Ġenna ta' Ġonna

4.15.1. Is-SE informat li l-Kunsill kien għadu qed jirċievi proposti għal attivitajiet relatati ma' Ġenna ta' Ġonna. Hija kompliet billi qalet li nhar il-Ħamis kienet ser tinżamm laqgħa mal-għaqdiet lokali prospettivi.

4.15.2. Is-SE nformat lill-membri preżenti li kkomunikat mal-Assistant Director tal-VAT Department responsabbli għall-materja u kienet ser tistieden lil rappreżentant tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jattendi magħha biex tkun tista' tiġi diskussa il-kwistjoni tal-irċevuti fiskali ta ċertu għaqdiet lokali.

4.15.3. Il-Kunsillier VB staqsa dwar l-invit li l-Kunsill għamel lil Comune di Macerata li magħhom il-Kunsill għandu ġemellaġġ, kif ukoll lill-Kunsill ta' Wieden fil-Bavaria li huma ġemellati ma' Macerata wkoll. Is-SE informat li l-Kunsill kien stieden lil dawn id-delegazzjonijiet sabiex jattendu għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna u dan sabiex jippromwovi l-lokalità b'mod internazzjonali. Hija kompliet billi qalet li dawn kienu ser iħallsu kollox huma u għalhekk il-Kunsill ma kienx ser ikollu spejjeż relatati mal-istedina ta' dawn id-delegazzjonijiet. Għandhom isiru arranġamenti ma' lukandi lokali biex ikunu alloġġjati fihom dawn il-mistednin.

## 4.16 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

4.16.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.30pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru 2019 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 2 t' Ottubru 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv